# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt


**18/17TT**

**Minuti tat-tkomplija tat-tmintax il-laqgħa tas-sbattax il-sena tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li kienet bdiet fil-15 ta' Dicembru, 2010, li saret nhar il-Tnejn 17 ta' Jannar, 2011.**

**Preżenti:**

Is-Sur Horace J. Anastasi---Sindku
Is-Sur Carmel Camilleri---Kunsillier
Is-Sinj. Mariella Micallef---Kunsilliera
Is-Sur Stephen Sultana---Kunsillier
Is-Sur Edwin Formosa---Kunsillier
Is-Sur Cleaven Christian Bugeja – Kunsillier
Is-Sur Joseph M. Formosa – Agent Segretarju Ezekuttiv

**Skuzat:** Is-Sur Ronald Briffa – Vici Sindku

**AGENDA**

1. Talba

2. Qari u approvazzjoni tal-minuti (Minuti tas-17 il-Lagha li bdiet fit-2 ta' Novembru u tkomplija ta' l-istess 17 il-Laqgha li saret fil-11 ta' Novembru, 2010) N.B. Il-Qari u approvazzjoni tal-minuti ta' l-ewwel parti tal-laqgha lesti.

3. Affarjiet li tqajmu mill-minuti (Minuti tas-17 il-Lagha li bdiet fit-2 ta' Novembru u tkomplija ta' l-istess 17 il-Laqgha li saret fil-11 ta' Novembru, 2010) N.B. L-affarijiet li tqajmu mill-minuti ta' l-ewwel parti tal-laqgha lesti.

4. Kommunikazzjonijiet mis-Sindku

5. Rizultat tal-interviews dwar l-impjieg ta' skrivan/a li saru fid-29 ta' Novembru, 2010 u L-Impjieg ta' skrivan/a b'sehh mis-6 ta' Dicembru, 2010 fi Skala 15 mal-Kunsill Lokali Santa Venera.

6. Skeda ta' pagamenti (approvazzjoni) N.B. Din diga giet approvata ghajr il-pagament dwar il-festin ta' Jum Santa Venera li sejjer jigi diskuss waqt it-tkomplija ta' din il-laqgha.

7. Il-qaghda finanzjarja u approvazzjoni tal-financial statements sat-30 ta' Settembru, 2010.

8. Korrispondenza (parti minn din il-materja diga giet diskussa waqt laqgha tas-6 ta Jannar, 2011)

9. Ilmenti

10. Affarjiet ohra

11. Aggornament

**1.0 Talba**

Il-laqgha bdiet fis-6.10pm wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsllieri prezenti.

**2.0 Sospensjoni tal-Agenda**

Is-Sindku kompla jitratta it-Tema (8) fuq l-agenda originali peress li baqa " in possession of the meeting" peress li l-laqgha tas-6 ta Jannar 2011 kienet wafqet minhabba li ma kienx hemm quorum u ghalhekk din il-laqgha ma setghetx tkompli u b'hekk giet aggornata ghas-17 ta' Jannar, 2011.

**3.0 Tema (8) Korrispondenza**

**3.1 Direct Orders**

Is-Sindku ghamel referenza ghal-korrispondenza li l-Kunsill ircieva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li talab aktar taghrif dwar it-twegiba originali li ta l-Kunsill dwar "direct orders" li hargu mill-Kunsill ta' Santa Venera.

Saret diskusjoni u l-Kunsillier is-Sur Stephen Sultana qal li jixtieq jara r-risposta originali li harget mill-Kunsill ta' Santa Venera qabel ma jkun jista' iwiegeb.

Il-Kunsill qabel li din il-korrispondenza tinghata fil-laqgha li jmiss tal-Kunsill.

**3.2 Tenders – Dwar Romeo Romano Gardens & Soft Areas – Wilson Mifsud**
Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa kien talab u inghata mill IPSL persuna kompetenti sabiex ikun possibli li minflok dan ix-xoghol isir mill-kuntrattur, dan ikun jista jsir mil-Kunsill permezz tal-impjegat tal-IPSL u b'hekk il-Kunsill ikun jista' jifranka eluf ta Euro li jkunu jistghu jintefqu fuq progetti ohra tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li ghandu informazzjoni li l-ghodda u altrezzaturi mehtiega tlahhaq is-somma ta xi €5000.

Saret diskusjoni u s-Sur Stephen Sultana qal li l-IPSL ma ghandhomx gardinar. Is-Sindku wiegeb li l-IPSL kienet diga identifikat u informat dwar dan permezz ta ittra eletronika li ghandha persuna kompetenti li tista'taghti lill-Kunsill sabiex isir dan it-tip ta' xoghol ta' gardinar.

Issemiet il-problema ta l-ilma u l-hsara li hemm prezenti fil-gibja tal-Gnien Romeo Romano u dwar il-problema li l-Kunsill ma jkunx jista' izomm kontroll fuq ix-xiri ta' pjanti u fjuri li jkun qed jixtri l-gardinar.

Is-Sindku wiegeb li dwar il-kontroll ftit li xejn kellu l-Kunsill fuq il-kuntrattur peress li fuq il-lant tax-xoghol dejjem ra pesuna wahda u li fi zmien Awissu wiehed kien qed jara gnien niexef, u mahruq, b'sigar mejta u mhux imsebbah bil-fjuri kif jixraq gnien pubbliku.

Waqt din id-diskussjoni giet dettata ittra li ghandha tinbaghat lid-Direttur tal-Gvern Lokali li tghid hekk:

Peress li l-Kunsill Lokali Santa Venera bi hhsiebu jingagga gardinar mill IPSL ghal terminu ta tlett (3) snin u jinvesti f'makkinarju mehtieg sabiex ikun jista jiehu hsieb il-gonna u soft areas minghajr il-htiega li jqabbad kuntrattur ghall dawn ix-xoghlijiet, il-Kunsill qed isaqsi jekk il-fondi allokati fuq gonna u soft areas jkunux jibqghu parti mill-allokazjoni finanzjarja ghal Kunsill.

Il-Kunsill qabel li jkun jista' jimxi bil-process li flok kuntrattur ikollu gardinar kompetenti u ta' l-esperjenza mill IPSL u li jinvesti f'attrezzaturi u makkinarji mehtiega bil-kondizjoni li twegiba tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali tkun li dawk il-fondi li l-Gvern Centrali jalloka ghaz-zamma ta gonna pubblici u soft areas jibqghu jinghataw il-Kunsill Lokali Santa Venera.

**3.3 Tender: Contracts' Manager – Environmental – Mr Silvio Vella & Contracts' Manager - Others - Mr Silvio Vella.**

Is-Sindku spjega li fic-cirkostanzi prezenti l-Kunsill jista' jghaddi minghajr is-servizzi ta' contracts manager specjalment jekk il-Kunsillieri kollha jersqu lejn il-Kunsill sabiex

jirrapurtaw dawk in-nuqqasijiet li jaraw sabiex b'hekk il-Kunsill ikun responsabli li jsir xoghol sewwa kif mehtieg u minghajr infieq bla bzonn.

Saret diskusjoni dwar l-importanza tax-xoghol ta contracts manager u dwar xi nuqqassijiet osservati anke meta l-Kunsill kellu s-servizzi ta contracts manager.

Is-Sur Stephen Sultana qal li mhux jaqbel li l-Kunsill ma jkollux contacts manager peress li fil-passat meta ma kienx hemm contracts manager ix-xoghol tal-Kunsill f'dan ir-rigward mar lura u ma jixtieqx li din l-esperjenza hazina terga tirrepeti ruha.

F'dan l-istadju s-Sindku propona li l-Kunsill ma ghandux bzonn is-servizzi ta Contracts Manager u ma ghandux jaghmel l-ebda sejha ghal tali servizzi.

Din il-proposta giet sekondata mis-Sur Carmel Camilleri

Saret votazjoni

Voti favur: Sur Horace J. Anastasi, Sur Carmel Camilleri, Sinjura Mariella Maicallef

Vota kontra: Sur Stephen Sultana, Sur Cleaven Bugeja, Sur Edwin Formosa

Casting Vote: Sur Horace J. Anastasi

Din il-proposta ghaddiet bil-casting vote tas-Sindku Sur Horace J. Anastasi.

**3.4 Il-qaghda, l-inkonvenjent u perikli serji li qed jiffacjaw ir-residenti ta' Carini Street minhabba l-hatt ta' containers gewwa din it-triq residenzjali**

Is-Sindku nforma lil Kunsill dwar diversi ittri li ntbaghtu lil Kummisarju tal-Pulizija u Trasport Malta dwar dan u li l-Kunsill ghadu minghar ebda twegiba.

Is-Sindku qal ukoll illi fil-prezent il-Kunsill mhux qed johrog permess ghal hatt ta' containers gewwa din it-triq ghaliex kull min jghaddi minn din it-triq jitfacca l-periklu u r-residenti qeghdin isofru inkonvenjenti kbar li dawn qeghdin frekwentament jigu rrapurtati ghand il-Kunsil izda meta l-Kunsill jitlob l-ghajnuna tal-awtoritajiet qed ihossu li qed jigi injorat.

Is-Sindku informa lil-Kunsill dwar ittri li ntbghatu mill-Kunsill minn avukati li jirraprezentaw l-interessi tad-diversi stabbilimenti u azjendi li ghandhom l-imhazen gewwa Carini Street u li jdahlu dawn il-containers f'din it-triq residenzjali.

Saret diskusjoni dwar dan u dwar kif gie innotat illi dan il-hatt tal-containers baqa jsir minkejja li l-Kunsill ma kienx qed johrog permess.

Il-Kunsill li gie infurmat illi fuq wiehed minn dawn l-imhazen twahlet nota li l-hatt tal-containers huwa permess skond il-ligi u li aktar taghrif jinkiseb mill-Ghassa tal-Pulizija

tal-Hamrun. Dwar din in-nota l-Kunsill qabel li jivverifika dan u li jikseb kopja ufficjali ta' dak li jista' jezisti fl-Ghassa tal-Hamrun li jippermetti jew le dwar il-hatt tal-containers fi triq residenzjali.

Il-Kunsill qabel li jerga jikteb l-Kummisarju tal-Pulizija dwar dak li qed jigri u dwar l-inkonvenjent, periklu u ksur ta' paci pubblika u jibghat kopja lil Ministru responsabli mit-Traffiku kif ukoll lil Prim Ministru, lid-Direttur Generali tal-Gvern Lokali kif ukoll lis-Segretarju Parlamentari responsabli mill-Gvern Lokali Dr Chris Said.

**3.5 Progett mal-Awtorita tad-Djar**

Is-Sindku informa lil Kunsill illi peress li l-Awtortia qed tinsisti li l-proposti tal-Kunsill ghandhom jaslu sa mhux aktar tard mit-28 ta Jannar, 2011 huwa kien mar mal-Perit Stephen Farrugia fl-inhawi tal-Qasam tad-Djar qrib Triq Dun Xand Cortis u fl-inhawi ta madwar sabiex jigi propost il-progett mehtieg.

Is-Sindku qal li l-progett kien sejjer ikun fih bankini accessibli u holqien ta' soft areas li jaghti ambjent ahjar ghar residenti fil-Qasam tad-Djar indikat u dan minhabba l-hafna kazi ta' persuni bi bzonnijiet specjali f'dan il-qasam.

Il-perit S. Farrugia li huwa l-Perit tal-Kunsill sejjer jipprepara l-pjanti u b'hekk il-Kunsill ikun jista' jimxi skond il-gwidi tal-Awtorita tad-Djar fi zmien stipulat.

**3.6 Twahhil ta Sigar – Credit Note minghand Derek Garden Centre, Qormi dwar invoice datata 11.8.2007 ammont ta' €232.94**

Is-Sur Stephen Sultana qal li kien gie infurmat illi kien hemm il-htiega li l-Kunsill jiehu azzjoni sabiex jivverifika li dan il-kreditu ghadu jezisti favur il-Kunsill u dwar fejn sejrin jitwahlu dawn is-sigar u jirrispondi dwar dan lil MEPA sabiex tkun tista tohrog il-permess mehtieg dwar il-progett tas-Sur Charles Ellul gewwa Santa Venera.

Il-Kunsill gie infurmat li dwar dan kien diga beda l-indagni tieghu u jinsab fi stadju li Derek Gardens Centre tikkonferma li hemm il-kreditu u li jara fejn sejrin jitwahhlu s-sigar.

Dan ghandu jsir fi zmien qasir sabiex il-Kunsill jaghti l-aprovazjoni mehtiega.

**3.7 Pagament dovut lill-Papillon Caterers (RJC Cateres Limited) ta' €842.23 u Credit Note ta' €634.84 li l-Kunsill qed jitlob minghand Papillon Caterers dwar servizz ta' Catering mhux approvat mill-Kunsill.**

Il-Kunsill qabel li johrog u jaghmel effetivament il-pagament ta' €842.23 kif fil-fatt dovut u fl-istess hin ifittex jekk fir-records tal-Kunsill hemmx xi Purchase Order dwar dak is-servizz ta' catering mhux approvat mill Kunsill.

Fic-cirkostranzi l-Kunsill qabel ukoll li ghandu jkompli bl-attentat tieghu sabiex tinkiseb il-Credit Note mehtiega sabiex fil-kotba tal-kontijiet tal-Kunsill dan ma jkompliex jidher bhala kreditur.

**3.8 Art mhux zviluppata fi Trejqa Fleur De Lys (quddiem l-skola ta Santa Venera)**

Is-Sindku qal illi hemm il-htiega li ssir verifika jekk din il-medda art li madwara ttella cint tal-bricks li qabez ukoll fuq il-bankina hiex proprjeta pubblika.

Sar qbil li din ir-ricerka ghandha tibda mad-Dipartiment tal-Artijiet tal-Gvern.

F'dan l-istadju tal-laqgha fuq proposta tas-Sindku sabiex ikun hemm possibilita li l-materja fuq l-agenda originali specjalment dawk l-aktar urgenti jigu konsiderati u jkun hemm partecipazjoni ta kulhadd il-Kunsill qabel li jkompli bis-sospenzjoni tal-Agenda originali u jitratta dawn is-suggetti kif sejjer ikun indikat hawn taht.

**4.0 Il-qaghda finanzjarja u approvazzjoni tal-financial statements sat-30 ta' Settembru, 2010**

Saret spegazjoni dwar xi punti li tqajmu u l-Kunsill qabel li japprova dawn il-financial statements sabiex jigu prezentati lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif mehtieg.

Is-Sur Stephen Sultana astjena.

**5.0 Rizultat tal-interviews dwar l-impjieg ta' skrivan/a li saru fid-29 ta' Novembru, 2010 u l-impjieg ta' skrivan/a b'sehh mis-6 ta' Dicembru, 2010 fi skala 15 mal-Kunsill Lokali Santa Venera**

Is-Sindku spjega dwar il-htiega urgenti li kellu l-Kunsill li jkollu zewg skrivani jahdmu mal-Kunsill wara r-rezenja ta' skrivana li sehhet ftit tax-xhur ilu.

Is-Sindku spjega kif il-Kunsill meta fuq procedura stabbilita u kif il-Kunsillieri kollha gew mitluba li jkunu parti mill-interviewing panel waqt l-interviews li saru fid-29 ta' Novembru, 2010.

Is-Sindku qali li effetivament l-interviewers kienu tlieta, Horace J. Anastasi (Sindku), Mariella Micallef (Kunsilliera) u Joseph M. Formosa (Agent Segtretarju Ezekuttiv – Ex Officio)

Is-Sindku ta' dettalji ta kif imxew l-interviews ta 46 kandidat u dwar ir-records li ghandu l-Kunsill li jistghu jigu murija il-Kunsillieri kollha kif ikunu jixtiequ.

Fil-fehma tal-interviewing panel l-ahjar kandidat li seta jaqdu l-htigijiet tal-Kunsill kien dak tas-Sur Carmel Busuttil u ghalhekk gie mitlub ruling tal-Gvern Lokali li konferma li l-Kunsill jaghzel u jaghti l-impjieg lis-Sur Carmel Busuttil fi skala 15 kif mitlub mill-Kunsill.

Dan kollu gie infurmat u konfermat kemm mil-ETC kif ukoll d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif jitolbu r-regolamenti tar-Rizorsi Umani.
Is-Sindku qal li l-impjieg tas-Sur Carmel Busuttuil sar b'sehh mis-6 ta' Dicembru, 2010 u li qed jidher li l-impjieg ta dan l-impjegat qed ighin sew fil-hidma amministrattiva tal-Kunsill.

Saret diskusjoni u s-Sur Stephen Sultana oggezjona ghal mod kif sar l-process ta l-ghazla ta l-iskrivan.

Is-Sindku wiegeb li kulhadd kien mistieden li jippartecipa waqt l-interviews u minhabba l-htigijiet tal-Kunsill ghaliex ma setax jistenna aktar u b'hekk il-process kellu jkun imhaffef u li dwar dan il-process ta l-ghazla u l-eventwali impjieg hemm ukoll il-konferma tad-Direttur Generali tal-Gvern Lokali.

Il-Kunsill approva u ikkonferma l-impjieg tas-Sur Carmel Busuttil (ID No 678756(M) b'sehh mis-6 ta Dicembru, 2010 fi skala 15 u li jinghata salarju skond din l-iskala.

**6 Skeda ta pagamenti (approvazzjoni)**

Din diga giet approvata ghajr il-pagament dwar festin ta' Jum Santa Venera.

Is-Sindku spjega dwar kif finalment kienu gew ghand il-Kunsill zewg offerti u dwar l-urgenza li l-Kunsill ikollu s-servizz tal-Catering ghal Hadd 14 ta' Novembru, 2010 meta gie iccelebrat Jum Sanat Venera.

Is-Sur Edwin Formosa qal li minkejja s-Sindku kien talbu sabiex jikseb offerta dwar dan, huwa kien gie injorat u l-isforz tieghu li jikseb l-ahjar offerta bl-ebda mod ma gie apprezzat anzi fil-fehma tieghu s-Sindku kien ta' struzzjoni sabiex tigi accettata l-offerta ta Pinto Caterers.

Is-Sindku spjega li l-ftehim kien li tinkiseb l-ahjar offerta u fic-cirkostanzi din kienet dik ta Pinto Caterers ta €426.45.

Is-Sindku qal li filwaqt japprezza l-hidma tal-Kunsillieri kollha wiehed ma ghandux ihossu mwarrab meta dak li jkun qed jigi mressaq minnu ma jigix accettat peress li jkun hemm offerta ahjar.

Is-Sindku ghamel proposta li peress li l-offerta ta' Pinto Caterers ghal ammont ta €426.45 (li tinkludi l-VAT) li effetivament tat-il-catering ghal waqt il-festin ta Jum Santa Venera fl-14 ta' Novembru, 2010 kienet dik l-aktar vantagguz, il-Kunsill ghandu japprova u effetivament ihallas lil Pinto Caters l-ammont ta €426.45.

Dawk favur – Horace J. Anastasi, Carmel Camilleri, Mariella Micallef

Kontra – Edwin Formosa, Stephen Sultana, Cleaven Bugeja

Casting Vote – Horace J. Anastasi

Din il-proposta ghaddiet bil-Casting Vote tas-Sindku Sur Horace J. Anastasi.

**7 Affarjiet ohra**

**7.1 Bankina accessibli ghall wheelchair quddiem il-proprjeta 32 Carmelina Emm Attard Street, Santa Venera**

Il-Kunsill qabel li peress li l-persuna li ghamlet it-talba ghandha l-Blue Sticker, ghandu jilqa din it-talba u jaghmel ix-xoghol mehtieg sabiex il-bankina tkun accessibli ghal wheel chair li jaqdu l-htigijiet tas-Sur Lawrence Gatt ( ID 561030 (M) )

**7.2 Riserva ta parkegg (taht l-Akwidott) 453 Triq il-Kbira San Guzepp Santa Venera.**

Il-Kunsill qabel li jikteb lill-Kumpanija tal-Gwardjani dwar l-aapprovazzjoni tal-Kunsill sabiex is-Sinjura Moira Pizzuto tkun tista' jkolla facilita li tipparkja l-vettura taghha bla tfixkil.

**7.3 Reserved Parking Bay 40 Triq il-Parrocca, Sta Venera favur Ms Ruth Aquilina**

Fuq prezentazzjoni tas-Sindku l-Kunsill qabel li jimla ir-rapport ta' Trasport Malta u jirrakomanda li jsir dan ir-reserved parking.

**7.4 Reserved parking fi Triq il-Parrocca**

Fuq prezentazzjoni tas-Sur S. Sultana u s-Sur Edwin Formosa, il-Kunsill qabel li jikseb Death Certificate tas-Sur Vella Bondin u jitlob lit-Trasport Malta sabiex inehhi dan ir-reservrd parking fi Triq il-Parrocca limkien jaqdi l-htigijiet tas-Sur Vella Bondin li issa gie nieqes.

**7.5 Reserved parking quddiem 65, Triq Brighella, Santa Venera li ma ghadux mehtieg.**

Il-Kunsill qabel li jnehhi dan ir-reserved parking kif indikat peress li issa giet nieqsa s-Sinjura Jane Tanti u b'hekk dan ir-rweserved parking ma ghadux mehtieg.

**7.6 Talba ghal Reserved Parking**

Il-Kunsill qabel li jitlob lit-TM li jinghata reserved parking lil Carmelo Galea, 29, Redentur, Triq il-Karmelitani.

**7.7 Imgieba hazina ta' gwardjan fi Triq il-Kanun, Santa Venera**

Il-Kunsill gie infurmat permezz ta' ittra prezentata mis-Sur Stephen Sultana illi Sur Kurt Zarb kiteb lis-Sur Raphael Carabott f'isem il-mara tieghu Sinjura Dorianne Zarb li nhar it-30/9/2010 gwardjan li kien fuq ix-xoghol gholla lehnu u tkellem b'mod oxen meta hija semplicement ilmentat li ma setghetx taghddi minhabba t-traffiku. Wara li l-Kunsill irrimarka dwar id-data, qabel li kopja ta din l-itta ghandha tintbghat lis-Sur Raphael Carabott bhala Manager ingarigat mill-Gawardjani Lokali sabiex jinvestiga u jiehu azzjoni kif ikun mehtieg.

**7.8 Petrus Garage – Htiega ta' Keep Clear Bay u Double Yellow Lines f'Misrah il-Barrieri Santa Venera**

Is-Sur Stephen Sultana qal li minhabba n-natura tax-xoghol dan il-garage jintuza kontinwament u l-vetturi huma twal ta' fuq 20 pied u b'hekk hemm bzonn ta' access ahjar.

Il-Kunsill qabel li jerghu isiru rappresentazjonijiet mal-Perit David Vassalli TM, sabiex isir dak kollu possibli skont il-ligi sabiex ikun hemm access ahjar ghal dan il-garaxx specjalment li qed jintuza ghas-servizzi tal-funerali.

**8.0 Aggornament / Gheluq tal-laqgha**

Peress li kien sar il-hin il-laqgha giet aggornata fid-9.10pm ghall-nhar l-Erbgha 26 ta Jannar 2011 fis 6.00pm sabiex tkompli fuq l-agenda kif diga giet cirkulata.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa | Horace J. Anastasi |
| Agent Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

Data_________________